**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 29 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 52/14 JZM**

**Union Haddiema Maghqudin f`isimha proprju u f`isem il-haddiema fi hdan il-Malta International Airport fis-sezzjoni tal-Meteorologisti**

***kontra***

**L-Onorevoli Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili ; Id-Direttur tax-Xoghol ; u s-Segretarju ghat-Tribunal Industrijali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta` Lulju 2014 li jaqra hekk :–

*1. Premess illi fis-sena elfejn u disa` (2009) ir-rikorrenti rregistrat tilwima industrijali (bin-numru 2704) kontra l-Malta International Airport sabiex il-Union rikorrenti tikkawtela l-posizzjoni ta` numru ta` haddiema membri taghha li jahdmu fil-pozizzjoni ta` Meteorologisti fi hdan l-Ajruport Internazzjonali ta` Malta.*

*2. Illi s-seduti relattivi ghat-tilwima nstemghu quddiem Tribunal Industrijali kompost mill-Avukat Leslie Cuschieri bhala Chairperson flimkien mas-Sur Charles Magro u s-Sur Joseph Farrugia bhala membri maghzula. Illi mill-iter processwali jirrizulta li r-rikorrenti dejjem issokkombiet ghal kull ordni tat-Tribunal sabiex tidher quddiemu.*

*3. Illi fis-seduti t-Tribunal kellu l-opportunita' kollha li jiehu l-gusta konjizzjoni tal-fatti u provi hekk kif gew npprezentati quddiemu mill-partijiet sabiex jissostanzjaw il-posizzjoni taghhom.*

*4. Illi wara s-sottomissjonijiet kollha relattivi ghat-tilwima, fid-29 ta` Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) it-Tribunal iddiferixxa t-Tilwima ghad-decizjoni finali minghajr ma appunta data ghall-ghoti ta` tali decizjoni.*

*5. Illi minkejja li ghaddew tliet snin mill-ahhar seduta surreferita, ghadha qatt ma giet appuntata data ghall-ghoti tad-decizjoni u dan minkejja d-diversi tentattivi u sforzi da parti tar-rikorrenti sabiex tinghata raguni ghal tali dewmien fl-ghoti tad-decizjoni, inkluz anke rikors li gie ntavolat f`Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kif ukoll Protest Gudizzjarju ntavolat fid-29 ta` Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), hawn anness u mmarkat bhala 'Dok UHM 1'.*

*6. Illi nonostante l-isforzi kollha tar-rikorrenti din baqghet minghajr risposta bil-konsegwenza illi l-lanjanzi tar-rikorrenti u tal-membri koncernati baqghu qatt ma gew indirizzati.*

*7. Illi ghalhekk dan id-dewmien esagerat u del tutto irragjonevoli wassal biex gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli hekk kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*8. Illi r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda rimedju effettiv iehor ghajr li jitolbu l-protezzjoni u r-rimedju ta` din l-Onorabbli kontra dan id-dewmien eccessiv da parti tat-Tribunal Industrijali.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li bid-dewmien biex tinghata decizjoni fit-tilwima bejn l-Union Haddiema Maghqudin u l-Malta International Airport mit-Tribunal Industrijali gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi sehhet vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*3. Taghti dawk ir-rimedji li jidrilha effettivi u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss kumpens pekunjarju konsistenti f`danni materjali sofferti, kif ukoll danni morali ghall-vjolazzjoni sofferta.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat illi fl-14 ta` Awissu 2014, l-intimati kollha pprezentaw risposta liir-risposta li taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-ebda wiehed mill-intimati mhuwa legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici u ghandhom*

*jinhelsu mill-harsien tal-gudizzju ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*1.1. Illi t-Tribunal Industrijali huwa indipendenti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg li ghalih hu responsabbli l-intimat Direttur tax-Xoghol u dan stante illi l-istess Tribunal huwa regolat unikament mill-artikoli 73 et seq tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta` Malta liema artikoli fl-ebda waqt ma jaghmlu referenza jew tant aktar jaghtu vires lill-intimat Direttur tax-Xoghol sabiex jinvolvi ruhu fit-tmexxija tal-imsemmi Tribunal b`dan illi l-intimat Direttur tax-Xogholijiet bl-ebda mod ma jaghti ghall-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli lamentat mir-rikorrenti ;*

*1.2. Illi l-Onorevoli Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mhuwiex responsabbli ta` xi agir jew nuqqas da parte tat-Tribunal Industrijali, li hu Tribunal awtonomu u indipendenti ;*

*1.3. Illi s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali ghandu biss funzjoni amministrattiva u jaqdi dmirijietu skont id-direzzjoni tat-Tribunal Industrijali kif kompost mic-Chairman u zewg membri b`dan illi bl-ebda mod ma jahti ghall-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli lamentat mir-rikorrenti ;*

*1.4. Illi dato ma non concesso li s-Segretarju tat-Tribunal tharrek in rapprezentanza tat-Tribunal Industrijali, s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali m'ghandu l-ebda poter fil-ligi jirrapprezenta gudizzjarjament l-imsemmi Tribunal. F`kull kaz u minghajr pregudizzju, Tribunal amministrattiv, meta jaghti decizjoni dwar id-drittijiet civili ta` min jidher quddiemu, ukoll ghandu jkollu l-kwalitajiet ta` tribunal indipendenti, ukoll meta ma jkunx immexxi minn Imhallef. Ghalhekk, la t-Tribunal Industrijali nnifsu u lanqas il-membri tieghu ma jistghu jkunu mharrkin biex iwiegbu ghall-ghemil gudizzjarju taghhom;*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, in kwantu l-azzjoni odjerna qed issir mill-Union Haddiema Maghqudin f`isem persuni li allegatament jahdmu fi hdan il-Malta International Airport fis-sezzjoni tal-Meteorologisti, il-proceduri odjerni huma nulli in kwantu ma tistax ssir azzjoni f`isem persuni mhux identifikati ;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huwa pacifiku skont il-gurisprudenza assodata, kemm dik nostrali kif ukoll dik Ewropea, id-dritt ghal smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Hu wkoll acettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li jrid bilfors jigi osservat minn awtorita` gudizzjarja fil-kors tal-proceduri quddiemha. In ogni caso u dejjem minghajr pregudizzju sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tikkonsidra b`mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantagga lir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet skont il-ligi. Effettivament, fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali mertu tal-vertenza odjerna, ma kien hemm l-ebda dewmien irraggjonevoli kif allegat mir-rikorrenti b`dan illi ma sehhet l-ebda allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u konsegwentement ma sehhet l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat mir-rikorrenti ;*

*4. Illi effettivament u dejjem minghajr pregudizzju, fid-29 ta` Lulju 2014 it-Tribunal Industrijali ddecieda l-kaz bin-numru 2704/LC fl-ismijiet Union Haddiema Maghqudin vs Malta International Airport plc 'dwar nuqqas ta` implimentazzjoni tal-ftehim fir-rigward tal-job evaluation exercise tat-2 ta` Gunju 2005, dwar ir-relattivita` tas-salarji u r-responsabbiltajiet tal-Meteorological Officers ;*

*5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda lok ghal rimedju jew kumpens pekunarju kif mitlub mir-rikorrenti in kwantu :*

*5.1. Illi dato ma non concesso u biss ghall-grazzja tal-argument li inkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, l-esponenti umilment jissottomettu li l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti standards; u s-sejbien ta` vjolazzjoni ta` dawn l-istandards huwa r-rimedju ewlieni ;*

*5.2. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-ebda danni materjali ma jistghu jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha ;*

*5.3. Illi f`kull kaz, ma hemm l-ebda lok ghal kumpens pekunarju konsistenti f`danni materjali allegatament sofferti jew danni morali ghall-allegata 'vjolazzjoni sofferta'.*

*Salv ecezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-intimati u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Settembru 2014 fejn kienet prezentata kopja ta` decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali fid-29 ta` Lulju 2014, fejn kienet deciza l-vertenza li wasslet sabiex tkun intavolata l-kawza tal-lum, minn liema decizjoni ma jirrizultax li kien hemm appell. Minkejja dik id-decizjoni, ir-rikorrenti ddikjarat fl-istess udjenza illi kien fadalilha interess fil-prosegwiment ta` din il-kawza.**

Semghet ix-xiehda ta` Josef Vella u ta` Martin Caruana fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Leslie Cuschieri, ta` Mary Rose Galea u ta` Charles Magro fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2015, u rat l-atti li kienu prezentati bhala prova *animo ritirandi* tat-"*tilwima tax-xoghol nru 2704/LC bejn il-union rikorrenti u Malta International Airport plc dwar nuqqas ta` implimentazzjoni tal-ftehim fir-rigward ta` job evaluation exercise tat-2 ta` Gunju 2005 dwar ir-relattivita` tas-salarji u responsabilitajiet tal-Meteorogical Officers*".

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Josef Vella** - Segretarju Generali tal-union rikorrenti – xehed illi ghall-union rikorrenti l-kaz li kien trattat quddiem it-Tribunal Industrijali kien specjali minhabba l-kwistjoni tad-*dual recognition* taz-zewg unions ewlenin fl-azjenda in kwistjoni. Fil-kaz in kwistjoni, il-haddiema koncernati kienu membri tal-UHM biss. Qal illi l-union kienet rinfaccjata bit-theddida ta` rizenja mill-membri tal-kategorija ta` xoghol in kwistjoni jekk ma tindirizzax s-sitwazzjoni u l-anomalija ezistenti. Ghalhekk il-President tal-union u s-Segretarju tat-taqsima ltaqghu ma` l-haddiema biex ifehmuhom li l-UHM kienet qeghda taghmel l-almu taghha sabiex tinstab soluzzjoni. Il-kaz taghhom mar quddiem it-Tribunal Industrijali. Qal illi li kienu ilhom erbgha (4) snin jistennew id-decizjoni tat-Tribunal Industrjali. Ghall-union, kien piz li tipprova tispjega lill-haddiema membri taghha illi t-Tribunal kien qed jahdem biex jaghti d-decizjoni. Min-naha taghhom, il-haddiema membri bdew jissuspettaw fil-union u nsistew maghha li taghmel xi haga min-naha taghha. Ighid illi fost il-membri koncernati, kien hemm persuni li kienu waslu ghall-pensjoni. Qal illi matul l-erba` snin kien hemm membri li garrbu tbatija, u ohrajn li kellhom ihallu l-post tax-xoghol ghaliex hargu bil-pensjoni. Ikkonferma d-dokument a fol 5 u 6 tal-process li kien il-protest gudizzjarju li pprezentat il-union. Sahaq illi t-theddida ta` telf ta` membri ghall-union hija haga serja hafna ghaliex l-uniku ntrojtuli ghandha l-union hija mill-mizati li tircievi mill-membri. Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li l-haddiema meteorologisti baqghu membri tal-union. Qal ukoll li ma kienx hemm appell mid-decizjoni tat-Tribunal Industrjali tad-29 ta` Lulju 2014.

**Martin Caruana**, Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-UHM, xehed illi sittax (16) kienu l-membri li kienu qeghdin jirraprezentaw fil-proceduri quddiem it-Tribunal, u cioe` l-haddiema kollha ta` dak id-dipartiment partikolari.

**Av. Leslie Cuschieri** xehed illi l-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali kienet thalliet ghad-decizjoni fil-15 ta` Marzu 2011. Id-decizjoni nghatat fid-29 ta` Lulju 2014. It-Tribunal kien kompost minnu bhala chairperson u minn Charles Magro u Joseph Farrugia bhala membri. Il-parti l-kbira taz-zmien l-process kien fil-pussess tieghu. Bejn il-komponenti tat-Tribunal kienu jikkomunikaw permezz ta` emails. Mistoqsi ghaliex t-Tribunal dam daqshekk sabiex jasal ghal decizjoni huwa fisser illi l-partijiet kienu hadu l-posizzjoni li jaghmlu dan l-kaz ma` kaz iehor, li ma kienx l-istess, u kien hemm xi *surveys* li gew ikkwotati u wiehed kellu jara kif

jaddatta dawn is-*surveys* fil-kuntest ta` dan il-kaz sabiex fl-ahhar id-decizjoni tkun wahda gusta. Il-process kollu kien ta` madwar 300 folja. Minn dak li jiftakar kienu ftehmu dwar il-mod kif hu kien se jqabbel d-dokumenti u l-provi li kien hemm, imbaghad thalliet f`idu sabiex jaghmel it-tqabbil u jipprova johrog l-principji. Mistoqsi mill-Qorti ikkonferma li pprepara u ccirkola abbozz qabel kien hemm qbil dwar il-kontenut ; fil-fatt id-decizjoni kienet unanima. L-ewwel fazi fejn iddeciedew d-direzzjoni hadet ftit gimghat. It-tieni fazi fejn kienu ezaminati d-dokumenti hadet l-akbar ammont ta` zmien. It-tielet u l-ahhar fazi u cioe` wara li kien iccirkolata l-abbozz hadet madwar xahar. Fid-data tal-prezentata tar-rikors kostituzzjonali, kien ghadu qed jigi cirkolat l-abbozz.

**<u>Charles Magro</u>**, membru tat-Tribunal Industrijali, xehed illi huwa kien membru min-naha tal-haddiem. Il-kaz in kwistjoni ha madwar tmien seduti, mifruxa fuq sentejn. Wara saret laqgha bejn il-membri. Wara l-2011 ma ltaqghux aktar. Mistoqsi jekk kienx hemm raguni ghaliex ittiehdu tlett snin u nofs sabiex tinghata s-sentenza ix-xhud wiegeb illi jekk kien hemm raguni huwa ma kienx jaf x`inhi. Huwa kien ghamel kuntatt mal-chairman kemm–il darba u kull darba kien jghidlu li se jibghatlu d-draft izda d-draft qatt ma wasal.

## III. <u>Generali</u>

**Ghalkemm fil-kors tal-kawza, il-Qorti semghet il-provi tal-partijiet kemm dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, tqis illi issa jkun opportun illi tittratta l-ewwel eccezzjoni preliminari, fejn l-intimati <u>kollha</u>, kull wiehed ghar-ragunijiet indikati fl-eccezzjoni, jikkontendu illi <u>hadd</u> minnhom ma huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti. Jekk l-eccezzjoni tkun milqugha allura jkun inutili ghall-Qorti li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu tat-talbiet. Diversament tghaddi ghall-mertu.**

## IV. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati kollha</u>

Il-Qorti sejra tqis is-sottomissjonijiet tal-partijiet u taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha skont kif l-eccezzjoni tolqot kull wiehed mit-tliet (3) intimati :-

## 1. Id-Direttur tax-Xoghol

Fejn jirrigwarda l-intimat Direttur tax-Xoghol, l-eccezzjoni tghid :-

*Illi t-Tribunal Industrijali huwa indipendenti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg li ghalih hu responsabbli l-intimat Direttur tax-Xoghol u dan stante illi l-istess Tribunal huwa regolat unikament mill-artikoli 73 et seq tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta` Malta liema artikoli fl-ebda waqt ma jaghmlu referenza jew tant aktar jaghtu vires lill-intimat Direttur tax-Xoghol sabiex jinvolvi ruhu fit-tmexxija tal-imsemmi Tribunal b`dan illi l-intimat Direttur tax-Xogholijiet bl-ebda mod ma jaghti ghall-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli lamentat mir-rikorrenti.*

### a) Is-sottomissjoni tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti taghmel din is-sottomissjoni :

*… illi r-rikorrenti jqis lid-Direttur tax-Xoghol bhala persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu li huwa d-Direttur tax-Xoghol il-persuna specifika mghobbija bir-responsabilita` u r-rwol li tassenja kull tilwima industrijali li tinqala` lill-persuna ndikata fil-lista` ta` chairpersons maghzula mill-Prim` Ministru.Ghaldaqstant jezisti n-ness guridiku mehtieg sabiex jitqies responsabbli ghan-nuqqasijiet tat-Tribunal Industrijali.*

### b) Is-sottomissjoni tal-intimat

L-intimat jirrespingi dan l-argument billi jghid :

*… L-imsemmi Tribunal huwa regolat unikament mill-artikoli 73 et seq tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta liema artikoli jassiguraw l-indipendenza tal-istess Tribunal b`dan illi fl-ebda waqt ma jaghmlu referenza jew tant aktar jaghtu vires lill-intimat Direttur tax-Xoghol sabiex jinvolvi ruhu fit-tmexxija tal-imsemmi Tribunal. Huwa manifest mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi li l-intimat Direttur tax-Xoghol bl-ebda mod ma jirrispondi ghall-ellegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien lamentat mir-rikorrenti.*

**2. <u>L-Onor Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili</u>**

Ghar-rigward tal-Ministru ntimat, l-eccezzjoni tghid :

*Illi l-Onorevoli Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mhuwiex responsabbli ta` xi agir jew nuqqas da parte tat-Tribunal Industrijali, li hu Tribunal awtonomu u indipendenti.*

**a) <u>Is-sottomissjoni tar-rikorrenti</u>**

Ir-rikorrenti taghmel din is-sottomissjoni :

*… illi l-intimat in kwistjoni ma jistax jezonera ruhu mir-responsabilita` stante li l-Onorevoli Ministru huwa responsabbli li jassigura t-tmexxija u l-operat efficjenti tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali li tahtu jaqa` t-Tribunal Industrijali …*

**b) <u>Is-sottomissjoni tal-intimat</u>**

L-intimat jirrespingi dan l-argument billi jghid :

*… Kif jirrizulta mill-artikolu 73 tal-Kap 452, il-Prim Ministru ghandu l-fakolta` li jahtar panel ta` mhux aktar minn hmistax-il persuna biex jaghmluha ta` chairpersons tat-Tribunbal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali skond il-kriterji hemm stabbiliti … t-Tribunal Industrijali huwa tribunal awtonomu u ndipendenti b`dan illi l-Onorevoli Ministru … ma tista` qatt tintrometti ruhha f`dik li hija l-mansjoni esklussiva tat-Tribunal u ghalhekk ma tista` bl-ebda mod tinstab responsabbli ta` xi allegat agir jew nuqqas dap arte tal-imsemmi Tribunal fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu kif qed tippretendi r-rikorrenti.*

**3. <u>Is-Segretarju ghat-Tribunal Industrijali</u>**

Fir-rigward ta` dan l-ahhar intimat, l-eccezzjoni taqra :-

*Illi s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali ghandu biss funzjoni amministrattiva u jaqdi dmirijietu skont id-direzzjoni tat-Tribunal Industrijali kif kompost mic-Chairman u zewg membri b`dan illi bl-ebda mod ma jahti ghall-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli lamentat mir-rikorrenti.*

*Illi dato ma non concesso li s-Segretarju tat-Tribunal tharrek in rapprezentanza tat-Tribunal Industrijali, s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali m'ghandu l-ebda poter fil-ligi jirrapprezenta gudizzjarjament l-imsemmi Tribunal. F`kull kaz u minghajr pregudizzju, Tribunal amministrattiv, meta jaghti decizjoni dwar id-drittijiet civili ta` min jidher quddiemu, ukoll ghandu jkollu l-kwalitajiet ta` tribunal indipendenti, ukoll meta ma jkunx immexxi minn Imhallef. Ghalhekk, la t-Tribunal Industrijali nnifsu u lanqas il-membri tieghu ma jistghu jkunu mharrkin biex iwiegbu ghall-ghemil gudizzjarju taghhom.*

## a) Is-sottomissjoni tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti taghmel din is-sottomissjoni :

*… il-ligi stess tistabilixxi li "s-Segretarju tat-Tribunal ghandu mutatis mutandis dawk id-dmirijiet li bil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lir-Registratur tal-Qrati".*

*Illi ladarba huwa pacifiku li s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali huwa l-persuna vestita bir-rapprezentanza tal-istess Tribunal, isegwi li hija l-persuna idoneja sabiex **tirrispondi ghall-ghemil tat-Tribunal li wassal biex gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti**.* (enfasi ta` din il-Qorti).

## b) Is-sottomissjoni tal-intimat

L-intimat jirrespingi dan l-argument billi jghid :

*… s-Segretarju tat-Tribunal huwa ufficjal pubbliku li ghandu biss funzjoni amministrattiva u jaqdi dmirijietu skont id-direzzjoni tat-Tribunal .. b`dan illi bl-ebda mod ma jahti ghall-allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli lamentat mir-rikorrenti.*

## 4) <u>Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Fil-kawza tal-lum, l-ilment tar-rikorrenti huwa car. Qeghda tilmenta li garrbet ksur tal-jedd taghha ghal smiegh xieraq kif imhares bl-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6(1) tal-Konvenzjoni ghaliex it-**<u>Tribunal Industrijali</u>** dam b`mod irragonevoli sabiex jaqta` u jiddeciedi l-kwistjoni tax-xoghol de qua bejn il-union rikorrenti u l-Malta International Airport plc.

L-ilment mhux biss huwa car izda huwa wkoll inekwivoku. Ir-rikorrenti mhijiex qeghda timputa d-dewmien sabiex kienet deciza l-kwistjoni ghal mankanzi jew deficjenzi amministrattivi, logistici jew ta` *back-up* ghax-xoghol tat-Tribunal Industrijali, izda ghal xejn aktar u xejn inqas ghall-mankanzi tal-komponenti tat-Tribunal Industrijali li sema` u li kien fl-obbligu li jaqta` u jiddeciedi l-kwistjoni fi zmien ragonevoli anke sabiex ma jkunx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Li ma kienx hemm inadempjenzi ghal haddiehor ghajr it-Tribunal Industrijali huwa manifestament ippruvat kemm mix-xiehda kif ukoll mill-atti tal-kwistjoni tax-xoghol.

**<u>Tinsorgi d-domanda</u> :**
**Min kellu jwiegeb ghall-ilment tar-rikorrenti ?**

**<u>L-Art 181B tal-Kap 12</u>** jistabilixxi min ghandu r-rapprezentanza tal-Gvern. Ighid hekk :-

*(1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*(a) kawzi għall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mill- Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

***(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li <u>minħabba n-natura tat-talba</u> ma jkunux jistgħu jigu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Ladarba r-rikorrenti qeghda tilmenta li kien it-Tribunal Industrijali li kiser il-jedd taghha ghal smiegh xieraq, il-Qorti trid ta` bilfors tirreferi ghall-**<u>Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta</u>** li bis-sahha tieghu kien ikkostitwit it-Tribunal Industrijali.

**<u>L-Art 73 tal-Kap 452</u>** hija d-disposizzjoni centrali.

Skont **<u>l-Art 73(2)</u>**, huwa l-Prim` Ministru li jahtar panel ta` mhux aktar minn hmistax-il persuna biex jaghmluha ta` chairpersons tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali.

Ghaliex il-Prim` Ministru jaghmel il-hatra, ifisser allura illi jekk persuna li tkun fittxet il-kenn tat-Tribunal Industrijali tressaq ilment ghal ksur ta` jedd fondamentali mit-Tribunal Industrijali stess ghandu jwiegeb il-Prim` Ministru ?

Ir-risposta hija cara :
Xejn minn dan ghaliex il-Prim` Ministru ghandu jwiegeb meta bl-ilment il-persuna tkun qeghda tallega li xi ligi principali jew sussidjarja tkun qeghda tikser jedd fondamentali jew konvenzjonali tieghu.

La dan mhuwiex il-kaz tal-lum, tajjeb ghamlet ir-rikorrenti li ressqitx lill-Prim` Ministru bhala intimat fil-kawza tal-lum.

**<u>Tinsorgi d-domanda</u> :**
**Huma t-tliet intimati citati specifikament mir-rikorrenti l-legittimi kontradittùri tar-rikorrenti <u>ad eskluzjoni</u> ta` kull hadd iehor ?**

**It-twegiba ta` din il-Qorti hija <u>fin-negattiv</u>.**

Il-Qorti ssostni dan abbazi ta` dawn il-konsiderazzjonijiet :-

a) Bl-Art 75 u bid-disposizzjonijiet ta` wara, il-Kap 452 jistabilixxi il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, u kif jitmexxew proceduralment u logistikament il-kwistjonijiet tax-xoghol li jingiebu ghall-konjizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

b) M`ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-Legislatur ried illi fil-materji li taghhom it-Tribunal Industrijali nghata gurisdizzjoni esklussiva kellu jkollu sahha legali fil-provvedimenti u fid-decizjonijiet li jaghti daqslikieku kien Qorti tal-Gustizzja fil-kompetenza u l-gurisdizzjoni moghtija lilha mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

c) Ghall-fini tal-analizi li din il-Qorti qeghda taghmel tal-ezercizzju tal-funzjoni tat-Tribunal Industrijali relattivament ghall-kaz tal-lum, mhux rilevanti s-sentenzi li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi "**General Workers` Union v. L-Avukat Generali**" (Rik Nru. 19/2008) u "**General Workers` Union v. L-Avukat Generali**" (Rik. Nru. 20/2008) billi hemm il-kwistjoni kienet l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-Tribunal, li certament mhijiex il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha fil-kawza tal-lum.

d) Ghal din il-Qorti, fil-kaz tal-lum, id-Direttur tax-Xoghol ma jikkwalifikax bhala l-persuna li ghandha tirrapprezenta lill-Gvern ossija lill-Istat ghaliex din tal-lum mhijiex materja li minnha huwa nkarikat fil-kuntest tal-**Art 181B(1) tal-Kap 12**. Id-Direttur tax-Xoghol mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti ghaliex ir-rwol tieghu fil-qafas tar-relazzjonijiet industrijali ma jaghmlux passibbli ta` procedimenti tan-natura bhal dak tal-lum fil-kazi fejn jigi allegat illi t-Tribunal Industrijali, bhala korp munit b`funzjonijiet gudizzjarji fil-materji li taghhom ghandu gurisdizzjoni esklussiva, kiser il-jeddijiet fondamentali tal-persuna. Ma hemm propju l-ebda ness guridiku – kif tahseb jew tissoponi li hemm ir-rikorrenti – fir-rwol tad-Direttur tax-Xoghol. Kien ikun hemm dak in-ness, allura xi forma ta` **sejha ghall-assunzjoni** ta` responsabilita`, li kieku d-Direttur ghandu xi setgha moghtija lilu mil-ligi stess li biha jincidi fuq id-decizjoni jew in-nuqqas ta` decizjoni (kif kien il-kaz tal-lum) tat-Tribunal Industrijali.

e) Ghalhekk id-Direttur tax-Xoghol mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.

f) Din il-Qorti tghid li lanqas il-Ministru ntimat m`ghandu jwiegeb ghall-ilment tar-rikorrenti kontra l-operat tat-Tribunal Industrijali. Ir-rwol tal-Ministru responsabbli huwa determinat mill-Kap 452 tal-Ligijiet ta`

Malta. M`ghandux ikun hemm l-icken dubju li *ope legis* il-Ministru koncernat m`ghandu l-ebda funzjoni fil-mod, kif u meta jiddeciedi t-Tribunal Industrijali. Hi x`hini l-gerarkija ta` responsabilita` tieghu, il-Ministru, bl-ebda mod, m`ghandu jwiegeb ghal ilment tal-kaz tal-lum.

g) Ghalhekk il-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.

h) Riferibbilment ghas-Segretarju ghat-Tribunal Industrijali, il-posizzjoni tieghu hija aktar kristallina. Infatti jirrizulta sahansitra mit-test tal-ligi stess li l-funzjoni tieghu hija *stricto jure* ta` natura amministrattiva ; *del resto* bhal ma hija dik tar-Registratur tal-Qrati, li ghalih jirreferi l-Kap 452.

i) Billi r-rikorrenti ma mputaw l-ebda nuqqas specifiku fil-konfront tas-Segretarju li b`xi mod seta` wassal ghad-dewmien lamentat mir-rikorrenti, allura anke s-Segretarju ghat-Tribunal Industrijali mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.

**<u>Tinsorgi l-ahhar domanda</u> :**
**Jekk hadd mill-intimati mharrka mir-rikorrenti ma jiffiguraw bhala legittimi kontradditturi, min ghandu jwiegeb ghall-ilment tar-rikorrenti ?**

Ghalkemm mhuwiex il-kompitu taghha li twiegeb ghal kwesiti li haddiehor kien fid-dmir li jwiegeb **<u>qabel</u>** iddecieda li jmexxi bil-procediment tal-lum, din il-Qorti tghid illi t-twegiba tirrizulta fl-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>**.

Del resto ghall-fini ta` l-kwistjoni ta` min kellu jkun il-legittimu kontradittur fi kwistjonijiet ta` dewmien fl-ghoti ta` decizjonijiet, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi li taw il-Qrati taghna anke l-aktar ricenti fiz-zmien.

**In vista tal-fatt illi <u>hadd</u> mill-intimati mharrka mir-rikorrenti ma jirrizulta li huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti, il-Qorti mhijiex sejra tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, u daqstant iehor l-eccezzjonijiet tal-intimati fil-mertu.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati kollha. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**